A.L. 19 ta' l-1989

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA

(KAP. 174)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, (Kap. 174), il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fin zi Ġenerali u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Finanzi Ġenerali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 40 ta' l-1966.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Marzu, 1989.

Jissostitwixxi r-regolament 105 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 105 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Proċedura dwar il-ksib ta' ħażniet.

105. Ħlief meta l-Ministru ma jordnax xort'oħra u mingħajr ħsara għad-disposizzjoni ta' l-aħħar regolament ta' qabel dan, il-proċedura għall-ksib ta' ħażniet għandha tkun din li ġejja:—

(a) (i) oġġetti li ma jiswewx iżjed minn Lm500 jistgħu jiġu mixtrija dipartimentalment b'offerta jew mis-suq fid-diskrezzjoni ta' l-uffiċjal ta' kontijiet interessat;

(ii) oġġetti li jiswew iżjed minn Lm500 iżda mhux iżjed minn Lm1,000 jistgħu bl-istess mod jiġu mixtrija dipartimentalment b'offerta jew mis-suq kif approvat jew mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment li qed jagħmel dak ix-xiri, jew mill-kap ta' dipartiment kif jista' jiġi delegat minn dak il-Ministru:

Iżda għall-fini tas-subparagrafi (i) u (ii) ta' dan il-paragrafu x-xiri ta' l-istess ħaġa jew ta' ħaġa li tixbaħha ħafna, fi kwantitajiet żgħar, matul perijodu ta' sitt xhur ma għandux ikun iżjed minn valur totali ta' Lm10,000;

(b) oġġetti li jiswew bejn Lm1,000 u Lm5,000 jistgħu jiġu mixtrija wara sejħa dipartimentali għal offerti. Dawn l-offerti għandhom jiġu miftuħa mill-uffiċjal

ta' kontijiet interessat flimkien ma' uffiċjal ieħor tad-dipartiment quddiem l-*Accountant General* jew ir-rappreżentant tiegħu;

(ċ) oġġetti li jiswew iżjed minn Lm5,000 għandhom jiġu mixtrija wara sejħa għal offerti pubbliċi maħruġa mill-*Accountant General:*

Iżda l-Ministri responsabbli għad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, għad-Dipartiment ta' l-Ilma u għad-Dipartiment tas-Saħħa, jew il-kapijiet ta' dawk id-Dipartimenti kif jistgħu jiġu delegati minn dawk il-Ministri, jistgħu jawtorizzaw ix-xiri b'sejħa dipartimentali għal offerti ta' oġġetti li ma jiswewx iżjed minn Lm10,000.".